

Brussell, 5 ta' Lulju 2019
(OR. en)

11043/19

ESE 2

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Lulju 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 322 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL It-Tlethax-il Rapport Annwali tal-2018 dwar l-implimentazzjoni ta' għajnuna Komunitarja taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jstabbilixxi strument għas-sostenn finanzjarju għat-tneġġiġ tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Ċiprijotta Torca

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 322 final.

Mehmuż: COM(2019) 322 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.7.2019
COM(2019) 322 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**It-Tlethax-il Rapport Annwali tal-2018 dwar l-implimentazzjoni ta' għajnuna
Komunitarja taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li
jistabbilixxi strument għas-sostenn finanzjarju għat-tħeġġiġ tal-iżvilupp ekonomiku tal-
komunità Ċiprijotta Torka**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

It-Tlethax-il Rapport Annwali tal-2018 dwar l-implimentazzjoni ta' għajjnuna Komunitarja taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument għas-sostenn finanzjarju għat-tħeġġiġ tal-iżvilupp ekonomiku tal- komunità Ċiprijotta Torka

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006¹ (ir-“Regolament dwar l-Għajjnuna”) huwa l-bażi għall-għajjnuna lill-komunità Ċiprijotta Torka (KĊT) u jirrikjedi rapportar annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Dan ir-rapport ikopri s-sena 2018.

2. PROGRAMMAR TAL-GĦAJNUNA

Bejn l-2006 u t-tmiem tal-2018, ġew programmati EUR 520 miljun għal operazzjonijiet taħt ir-Regolament dwar l-Għajjnuna. L-ammont impenjat f'Ottubru 2018 għall-programm ta' azzjoni annwali tal-2018 kien ta' EUR 34.5 miljun². Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-20 jipprova perspettiva pluriennali għall-programm b'dispożizzjoni għal fondi annwali stabbli. Madankollu, il-programm ta' għajjnuna huwa ta' natura temporanja, bil-għan li tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni ta' Ċipru, u kemm ir-Regolament dwar l-Għajjnuna kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/213³, li jistabbilixxu l-QFP jippermettu reviżjoni fil-każ ta' riunifikazzjoni.

3. IL-MEKKANIŻMI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Il-programm huwa implimentat fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru, li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċita kontroll effettiv u fejn l-applikazzjoni tal-acquis hija temporanjament sospiża skont il-Protokoll 10 tat-Trattat ta' Adeżjoni. L-għajjnuna hija implimentata primarjament permezz ta' ġestjoni diretta mill-Kummissjoni Ewropea, iżda xi proġetti huma ġestiti b'mod mhux dirett mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP), mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), mill-British Council, jew min-Northern Ireland Co-operation Overseas (NI-CO).

Il-Kummissjoni topera f'kuntest politiku, legali u diplomatiku uniku. Filwaqt li jiġihom l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtegu arranġamenti ad hoc biex jiġi implimentat il-programm. Fi programmazzjoni ta' għajjnuna ffinanzjati mill-UE, u f'ċirkostanzi normali, il-ftehimiet ma' gvern benefiċjarju jistabbilixxu l-qafas legali tal-għajjnuna għall-iżvilupp. Ma jistgħu jsiru l-ebda arranġamenti bħal dawn għall-għajjnuna lill-KĊT. Il-ġestjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju inerenti huma parti mir-responsabbiltà tal-Kummissjoni u l-miżuri adottati jinkludu l-monitoraġġ tal-kuntratti u l-provvediment ta' sostenn intensiv lill-benefiċjarji, kundizzjonijiet ta' pagamenti riveduti, u approċċ kawt fl-użu ta' garanziji bankarji. L-għajjnuna tinkludi ammont sinifikanti ta' appoġġ permezz ta' għotjiet, li jirrikjedi ġestjoni intensiva fir-riżorsi.

¹ ĠU L65, 7.3.2006, p.5.

² Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 6695.

³ ĠU L347, 2.12.2013, p.884.

Sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni ssir b'suċċess u b'mod sostenibbli f'dan l-ambjent, il-KĊT trid tkun impenjata bis-sħiħ fit-tħejjija għall-introduzzjoni tal-acquis wara l-qbil.

It-Tim tal-Programm jopera permezz tal-Uffiċċju ta' Appoġġ għall-Programmi tal-UE (EU Programme Support Office, EUPSO) li jinsab fil-parti tat-tramuntana ta' Nikosija. Ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni f'Ċipru tospita wkoll laqgħat, seminars u konferenzi stampa u tikkomunika mal-pubbliku Ċiprijott fil-gżira, inkluż dwar il-Programmazzjoni tal-Għajnuna. Barra minn dan, l-Infopoint tal-UE, iffinanzjat taħt il-Programmazzjoni tal-Għajnuna, iwettaq firxa ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni u viżibilità, billi jipprovdi informazzjoni dwar politiki, prijoritajiet u azzjonijiet tal-UE f'appoġġ għall-KĊT, u l-promozzjoni tal-kultura Ewropea.

4. L-IMPLIMENTAZZJONI MATUL IL-PERJODU TA' RAPPORTAR

4.1. Ħarsa ġenerali

Il-Kummissjoni tkompli timplimenta r-Regolament dwar l-Għajnuna bl-għan ġenerali li tappoġġa r-riunifikazzjoni. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex tadatta l-programm wara l-ftehimiet milħuqa fit-taħditiet għal soluzzjoni.

L-operazzjonijiet fl-2018 inkludew il-kontinwazzjoni ta' għadd ta' proġetti stabbiliti u ta' suċċess, bħal boroż ta' studju tal-UE u miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja, għall-appoġġ lill-Kumitat dwar Persuni Nieqsa (Committee on Missing Persons, CMP) u lill-Kumitat Tekniku għall-Wirt Kulturali (Technical Committee on Cultural Heritage, TCCH).

L-għajnuna pprovduta lis-setturi ekonomiċi ewlenin fit-tħejjija għal soluzzjoni ssaħħet permezz ta' proġetti għall-iżvilupp tas-settur privat u taż-żoni rurali u kif ukoll l-iżvilupp tar-riżorsi umani. Tkomplew l-isforzi lejn titjib tanġibbli fil-qasam tal-qedra tal-mard tal-annimali u tas-sikurezza alimentari.

Għadhom jeżistu lakuni konsiderevoli fil-kapaċità tal-benefiċjarji biex l-acquis jiġi implimentat b'mod effettiv, wara qbil komprensiv, u l-approvazzjoni ta' bosta testi ġuridiċi għadha pendenti. Madankollu, il-KĊT għandha fehim aktar strett tal-isfidi marbuta mal-implimentazzjoni ta' testi ġuridiċi allinjati ma' standards tal-UE.

L-appoġġ f'forma ta' għotjiet jibqa' element importanti tal-programm. Għall-programmazzjoni ta' boroż ta' studju, il-Kummissjoni kompliet tirrikorri għal esternalizzazzjoni, biex tiżgura li l-għotjiet jaslu għand il-benefiċjarji b'mod effiċjenti u f'waqtu.

Barra minn dan, sa mill-2008, l-Unità għall-Ġestjoni tal-Proġetti (Project Management Unit, PMU), li ġiet stabbilita permezz ta' kuntratt ta' servizz ta' assistenza teknika pprovdiet servizzi li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' skemi ta' għotjiet. Din il-PMU, li fl-2018 ingħatat l-isem ġdid ta' Tim ta' Appoġġ għall-Għotjiet (Grant Support Team, GST), tkompli tipprovdi għajnuna prezzjuża lill-Kummissjoni fir-rigward taż-żieda fl-effiċjenza u l-assigurazzjoni fil-ġestjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ operattivi ta' skemi ta' għotjiet.

Kwistjoni waħda li għadha għaddejja tirrigwarda l-kostruzzjoni tan-netwerk tad-drenaġġ ta' Famagusta, liema kuntratt ġie tterminat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2013. Il-kontroversja mal-kuntrattur preċedenti tressqet għall-arbitraġġ peress li l-opzjonijiet kollha għal soluzzjoni amikevoli kienu ġew eżawriti. B'mod parallel, fl-2018 tnediet l-offerta ta' xogħlijiet rimedjali relatati.

Fl-aħħar tas-sena, inġenerali kienu għaddejjin 206 kuntratt taħt il-Programm.

4.2. Il-progress skont l-oġġettivi

L-oġġettiv globali tal-Programm dwar l-Għajjnuna huwa li tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni ta' Ċipru billi jitħeġġeġ l-iżvilupp ekonomiku tal-KĊT, b'enfasi partikolari fuq l-integrazzjoni ekonomika tal-gżira, fuq it-titjib tal-kuntatti bejn iż-żewġ komunitajiet u mal-UE, u fuq it-tħejjija għall-acquis.

L-attivitajiet li saru fl-2018 fir-rigward ta' kull oġġettiv tar-Regolament dwar l-Għajjnuna jinkludu:

4.2.1. Oġġettiv 1: L-iżvilupp u r-ristrutturar tal-infrastruttura

Ftehim ta' kontribuzzjoni mal-UNDP ġie ffirmat f'Diċembru 2018 għall-implimentazzjoni tal-Faċilità ta' Infrastruttura Lokali (Local Infrastructure Facility, LIF) ġdida. Il-faċilità hija mfassla bħala mekkaniżmu trasparenti li jissimplifika l-investimenti ta' infrastruttura ta' prijorità taħt il-Programm ta' Għajjnuna. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni huwa għal valur ta' EUR 17.7 miljun, fuq perjodu ta' tliet snin.

Il-faċilità għandha l-għan li tipprovdi appoġġ għall-identifikazzjoni, l-iskrinjar, l-iżvilupp, l-akkwist, u l-implimentazzjoni fiżika tal-investimenti fl-infrastruttura lokali rilevanti. Il-proġetti se jintgħażlu permezz ta' sejħiet għal espressjoni ta' interess regolari lill-benefiċjarji lokali. Il-lista mqasra indikattiva li ġejja tinkludi proġetti lesti biex jiġu implimentati li se jibdeu kmieni fl-2019:

- Il-Proġett ta' Riabilitazzjoni tax-Xmara Pedieos/Kanlidere;
- Id-Dekummissjonar tal-impjant għat-trattament tal-ilma mormi (WWTP) antik ta' Nikosija;
- Estensjoni tad-WWTPs ta' Morphou/Güzelyurt u Famagusta;
- L-istabbiliment ta' faċilità għall-ikkompostjar tal-iskart veġetali f'Nikosija.

Studju tal-fattibbiltà ddettaljata ffinanzjat mill-UE għar-riabilitazzjoni tax-Xmara Pedieos/ Kanlidere tlesta f'Diċembru 2018. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-istudju jinkludi l-kostruzzjoni ta' park lineari ta' madwar 5 km tul ix-xmara li jikkonsisti minn miżuri ta' protezzjoni mill-għarar, mogħdijiet għaċ-ċikliżmu u l-mixi, żoni rikreazzjonali u faċilitajiet edukattivi ambjentali. Billi jestendi lejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar tal-Linja l-Ħadra, dan il-proġett bikomunali għandu l-għan li jgħib lill-komunitajiet Ċiprijotti flimkien permezz ta' attivitajiet rikreazzjonali.

Fis-settur tal-ilma, f'Diċembru 2018 ġie ffirmat kuntratt ta' xogħlijiet ta' EUR 10.9 miljuni għall-kostruzzjoni tal-Kollektur Prinċipali tad-Dranaġġ ta' Nikosija (northern Nicosia Trunk Sewer, NNTS) tad-Tramuntana tal-fergħa ta' Nikosija. Il-Kummissjoni ffirmat ukoll il-kuntratt ta' servizz relatat ta' EUR 0.7 miljuni għas-superviżjoni tax-xogħlijiet. Ix-xogħlijiet huma mistennija li jibdeu fit-tieni trimestru tal-2019 għal perjodu ta' 33 xahar. Il-proġett se jinvolvi l-kostruzzjoni ta' madwar 13-il km ta' kanali tad-dranaġġ u 4 stazzjonijiet tal-ippumpjar biex l-ilma mormi ta' Nikosija jittieħed fid-WWTP Mia Milia/Haspolat bikomunali f'Nikosija, li fih innifsu huwa proġett iffinanzjat mill-UE li tlesta fl-2013. Peress li l-kollektur prinċipali tad-dranaġġ eżistenti, li jkopri ċ-Ċentru, it-Tramuntana u n-Nofsinhar ta' Nikosija, issa qed jaħdem b'kapaċità sħiħa, l-NNTS se jiffaċilita l-konnessjoni ta' aktar żoni urbani mad-WWTP skont id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi.

F'Diċembru 2018, kuntratt ta' xogħlijiet ta' EUR 2.14-il miljun u kuntratt ta' servizz ta' EUR 0.5 miljuni ġew iffirmati għall-proġett iffinanzjat mill-UE dwar il-

kostruzzjoni ta' sistema ta' tisqija għall-użu mill-ġdid tal-ilma mormi ttrattat tad-WWTP ta' Morphou/Güzelyurt. Ix-xogħlijiet bdew fi Frar 2019 għal perjodu ta' 29 xahar. Il-proġett se juża l-ilma mormi ttrattat mid-WWTP bil-kostruzzjoni ta' ġibjun tal-ilma u sistema ta' tqassim tal-ilma għat-tisqija. Dan se jiffaċilita l-użu mill-ġdid sikur ta' 500 miljun litru fis-sena ta' ilma ta' kwalità għolja għat-tisqija tal-għelejjel lokali. Permezz ta' dan il-proġett il-Kummissjoni għandha l-għan li tqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji relatati mal-użu mill-ġdid tal-ilma mormi ttrattat għat-tisqija agrikola fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru.

L-istudju tal-fattibbiltà u d-disinn kunċettwali tas-sistema ta' tqassim għall-użu tal-ilma mormi ttrattat mid-WWTP ta' Mia Milia/Haspolat bikomunali f'Nikosija tlestew. Id-disinn iddettaljat finali u l-fajl tal-offerta assoċjat għal dan il-proġett bikomunali importanti jinsabu fl-istadji finali ta' approvazzjoni u huma mistennija li jitlestew fit-tieni trimestru tal-2019.

L-offerta ta' xogħlijiet għax-xogħlijiet rimedjali meħtieġa għan-netwerks tad-dranaġġ ta' Famagusta tnediet fl-2018. Il-kuntratt ta' xogħlijiet u l-kuntratt ta' servizz ta' superviżjoni relatat ġew iffirmati f'April 2019.

L-attivitajiet preparatorji bdew għall-ewwel fażi tad-dekummissjonar tad-WWTP antik ta' Nikosija. Il-proġett se jipprovi faċilitajiet ta' pretrattament għall-flussi tal-ilma mormi li joriġinaw mill-industrija tal-ikel u se jnaqqas il-wiċċ tal-laguni użat għat-trattament ulterjuri ta' dawn il-flussi.

L-għajnuna fis-settur tal-iskart solidu komplet permezz ta' azzjonijiet differenti. Żewġ kuntratti – "L-Estensjoni tal-landfill Koutsoventis/Güngör" u "L-Impjant għat-Tneħħija tal-Gass minn Landfill" – li ġew iffirmati f'Diċembru 2017 jinsabu fl-istadji finali ta' tlestija. L-ewwel taqsima tax-xogħlijiet ta' estensjoni tal-landfill ingħatat lill-KĊT f'Settembru 2018 għal skopijiet ta' użu.

Bl-assistenza ta' esperti tal-Kummissjoni, f'Diċembru 2018 ġie finalizzat test ġuridiku dwar l-iskart mill-Imballaġġ skont l-istandards u l-aħjar prattika tal-UE. Fi xprunar kontinwu lejn il-ġestjoni sostenibbli tal-iskart mill-imballaġġ, il-Programm ta' Għajnuna qed jappoġġa l-iżvilupp u l-istabbiliment ta' Organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-Responsabbiltà tal-Produtturi (PRO's). Għal dan il-għan, indew diskussjonijiet ma' "Green Dot Cyprus". Barra minn hekk, il-Bażi tad-Data għall-Ġestjoni tal-Iskart Solidu li tlestiet fl-2017 u li hija bbażata fuq il-Katalogu Ewropew tal-Iskart Solidu ġiet estiża fl-2018 biex tinkorpora l-ilma mormi. Minħabba l-"adozzjoni" b'suċċess tal-bażi tad-data mill-benefiċjarju, il-pjanijiet attwali għall-2019 jipprevedu l-espansjoni ulterjuri tagħha biex tinkorpora l-intraċċar tal-iskart mill-imballaġġ u l-ġestjoni ta' liċenzjar operazzjonali għall-PRO's.

L-installazzjoni, it-taħriġ u l-ikkummissjonar ta' faċilità ġdida ta' sterilizzazzjoni għat-trattament ta' skart mediku perikoluż ġew iffinalizzati bl-iffirmar taċ-Ċertifikat ta' Aċċettazzjoni Proviżorja f'Awwissu 2018. Dan il-proġett kompli jiġi msaħħaħ permezz ta' proġett b'kapaċità teknika li tinvolvi t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' Sistema ta' Ġestjoni tal-Iskart Mediku sostenibbli. Assistenza ta' segwitu tkompli għall-benefiċjarju finali fl-2019 sabiex tiġi żgurata operazzjoni sostenibbli.

Fl-aħħar nett, ġiet indirizzata wkoll il-ġestjoni tal-iskart solidu fi skemi ta' għotjiet li jappoġġaw is-soċjetà ċivili u l-komunitajiet lokali. L-għotjiet mogħtija jinvolvu l-istabbiliment ta' stazzjonijiet ta' trasferiment tal-iskart solidu u ġestjoni ekoloġika tal-iskart skont Pjan ta' Ġestjoni koerenti tal-UE għall-Iskart Solidu Integrat. Il-

proġetti qed jagħmlu progress u huma mistennija li jiġu ffinalizzati sa Diċembru 2020.

Il-fajl tal-offerta għall-forniment ta' tagħmir tal-laboratorju u ta' strumenti għall-analiżi tal-arja, tal-fjuwil u tal-ilma tnedia f'Diċembru 2018. Il-kuntratt huwa mistenni li jiġi ffirmat fit-tielet trimestru tal-2019. It-tagħmir ipprovdut taħt dan il-kuntratt se jippermetti analiżi u monitoraġġ ta' kwalità sabiex tinkiseb konformità mad-Direttivi tal-UE.

Barra minn hekk, fil-baġit tal-Programm ta' Għajnuna tal-2018 ġie approvat proġett għall-"Forniment ta' Tagħmir għall-Monitoraġġ tal-Kwalità tal-Arja" u ġew abbozzati speċifikazzjonijiet tekniċi b'offerta mistennija f'nofs l-2019. It-tagħmir se jtejjeb in-netwerk ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja eżistenti stabbilit fl-2009-2010 permezz tal-finanzjament tal-UE.

F'Novembru 2018 ġie ffirmat kuntratt qafas għal assistenza teknika għall-implimentazzjoni ta' Programm għall-Effiċjenza Enerġetika fl-iskejjel. Il-kuntratt se jipprova valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-effiċjenza enerġetika f'10 skejjel ewlenin li tirriżulta fi studju tal-fattibilità li jagħtu dettalji dwar il-miżuri potenzjali sabiex tiżdied l-effiċjenza enerġetika fil-binjiet eżistenti. Il-kuntratt għandu wkoll l-għan li jżid is-sensibilizzazzjoni dwar l-effiċjenza enerġetika fl-iskejjel.

Finalment, proġett għall-"Forniment ta' Tagħmir ta' Rispons għal Emerġenza għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis tal-Ilma" approvat fil-baġit tal-Programm ta' Għajnuna tal-2018 qed jitħejja bħalissa filwaqt li qed jiġi żviluppat id-dokument tal-offerta. Huwa mistenni li din l-offerta tista' titnedia sa nofs l-2019.

4.2.2. *Objettiv 2: Il-promozzjoni tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku*

L-"Assistenza Teknika għas-Settur Privat" (Technical Assistance to the Private Sector, TAPS), li tnediet f'Novembru 2015, ġiet iffinalizzata f'Settembru 2018. Sabiex tiġi żgurata s-sostenibilità tal-azzjoni, il-ħidma tat-TAPS fuq l-innovazzjoni u l-intraprenditorija se tiġi segwita permezz ta' Ftehim ta' Kontribuzzjoni man-Northern Ireland Cooperation Overseas (NI-CO) iffirmat f'Diċembru 2018. Il-proġett "Intraprenditorija u Djalogu Innovattivi" b'tul ta' tliet snin għandu baġit totali ta' EUR 3 miljun. L-azzjoni hija rispons għall-ħtieġa ta' aktar spazji kondiviżi f'Ċipru sabiex ikun hemm lok għal interazzjoni akbar, skambju ta' esperjenza u opinjonijiet, sħubiji u riċerka effettivi. L-azzjoni għandha l-għan li tiftaħ spazji fiżiċi u virtwali għall-innovaturi, l-imprendituri u r-riċerkaturi, djalogu bejn il-komunitajiet u kondiviżjoni tal-għarfien.

Sejħa għal proposti "Intrapriżi kompetittivi, Raggruppamenti u Organizzazzjonijiet ta' Appoġġ lin-Negozji" b'baġit ta' EUR 5 miljun tnediet f'April 2018. Il-kuntratti ta' għotja individwali huma mistennija li jiġu ffirmati fit-tieni trimestru tal-2019. F'Settembru 2018 ġie ffirmat kuntratt qafas għall-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għal sistema tal-IT biex il-korpi lokali jiġu appoġġati fl-implimentazzjoni tal-iskema għal sorveljanza tas-suq.

Barra minn hekk, tkompla l-Ftehim ta' Delegazzjoni mal-BERŻ li għandu l-għan li jindirizza ż-żewġ elementi fundamentali meħtieġa biex tissaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tal-SME's lokali, jiġifieri aċċess għal pariri dwar il-finanzi u n-negozju. Sa Diċembru 2018, 53 proġett ta' konsultazzjoni ġew approvati u implimentati jew tlestew.

Fil-qasam tal-iżvilupp rurali, f'Diċembru 2018 il-Kummissjoni ffirmat kuntratt ġdid biex tipprovdi assistenza teknika permezz tas-Servizzi ta' Konsulenza għall-Azjendi Agrikoli. Il-kuntratt se jibqa' għaddej għal 30 xahar. Il-Kummissjoni nediet ukoll sejħa għal proposti (Żvilupp Rurali IV) b'baġit ta' EUR 5 miljun (nofs għat-trobbija tal-annimali u nofs għall-għelejjel). Il-kuntratti individwali huma mistennija li jiġu ffirmati fir-raba' trimestru tal-2019.

Fl-2018, l-assistenza teknika tal-UE tejbet aktar il-kapaċitajiet tal-ispeċjalisti veterinarji biex jiġi evitat, ikkontrollat u jinqered il-mard tal-annimali. Bħala riżultat, il-persunal speċjalist veterinarju ngħata l-opportunità li jfassal u jimplementa programmi ta' sorveljanza, kontroll u eradikazzjoni ta' mard, skont ir-rekwiżiti tal-UE. Il-kapaċitajiet għal identifikazzjoni bikrija u eliminazzjoni ta' mard emerġenti tal-annimali (bħall-marda tal-ilsien u d-dwiefer, il-marda tal-infafet fil-ġilda, pesta tar-ruminanti żgħar u ġidri tan-nagħaġ u ġidri tal-mogħoż) issa hu wkoll. Ġew abbozzati pjanijiet u proċeduri ta' tħejjija għall-kriżi li jikkontribwixxu għall-eliminazzjoni malajr u effettiva ta' tifqigħat ta' mard fl-annimali.

Kampjunar u ttestjar kontinwu tal-annimali (iffinanzjati kompletament mill-UE) wasslu biex madwar 40 % tal-azjendi tat-trobbija tal-bhejjem bovini, tan-nagħaġ u tal-mogħoż ġew iddikjarati ħielsa mill-mard tal-annimali bħall-bruċellożi, it-tuberkulożi bovina u l-lewkożi, skont ir-rekwiżiti tal-UE.

Bis-saħħa tal-istrument TAIEX u l-assistenza teknika, ġew iffinalizzati t-testi ġuridiċi u l-proċeduri ta' impenn għall-involviment tas-settur privat (jiġifieri veterinarji privati) fl-implimentazzjoni ta' programmi relatati mal-mard tal-annimali u kompiti veterinarji pubbliċi oħra (bħall-kontrolli). Dan għandu jikkontribwixxi għal żieda fil-kapaċitajiet lokali għall-implimentazzjoni ta' programmi u rekwiżiti veterinarji allinjati mal-UE. Barra minn hekk, ġiet stabbilita sistema għal skambju regolari ta' informazzjoni u dokumentazzjoni ma' partijiet interessati dwar programmi/attivitajiet veterinarji. L-objettiv huwa li jingħata kontribut għal fehim reċiproku aħjar u titjib aktar rapidu jew riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet bejn is-servizzi veterinarji u l-partijiet ikkonċernati.

Barra minn hekk, fl-2018 il-Kummissjoni ffirmat kuntratt ta' xogħlijiet ġdid ta' EUR 2.4 miljun li jappoġġa l-kostruzzjoni ta' sistema għar-rimi ta' skart tal-annimali fil-KĊT. L-objettiv huwa li titjib is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u l-ambjent billi tiġi implimentata sistema għall-ġbir, it-trasport u r-rimi ta' materjali li joriġinaw mill-annimali li n-nies ma jikkunsmawx (prodotti sekondarji tal-annimali). Il-kuntratt se jiffinanzja l-bini ta' post ċentrali għall-ġbir, il-ħżin u l-inċinerazzjoni tal-prodotti sekondarji tal-annimali u 6 ġabriet ta' satelliti u ċentri ta' trasferiment imqasma madwar il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru.

Fis-settur tal-edukazzjoni, 15-il proġett ta' għotja li ngħataw fl-2016 taħt l-iskema ta' għoti ta' EUR 1.5 miljun għall-"Innovazzjoni u l-Bidla fl-Edukazzjoni VI" komplew jiġu implimentati fl-2018; 10 minnhom tlestew lejn l-aħħar tas-sena. Il-proġetti jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' taġħlim/apprendiment fl-iskejjel bl-introduzzjoni ta' programmi ekstrakurrikulari u ta' ħiliet personali kif ukoll l-istabbiliment ta' laboratorji tax-xjenza u dar ekoloġika għall-agrikoltura organika. Min-naħa l-oħra, il-proġetti ta' taġħlim tul il-ħajja jgħinu fit-titjib tal-kapaċitajiet professjonali ta' periti u inġiniera u jintroduċu l-intraprenditorija u l-korsijiet ta' taħriġ tul il-ħajja biex itejbu l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh.

Matul l-2018, ingħataw 10 proġetti ta' għotja addizzjonali taħt l-iskema ta' għotja ta' EUR 1.5 miljun għall-"Innovazzjoni u l-Bidla fl-Edukazzjoni VII". Taħt din l-iskema

l-ġdida, il-proġetti fl-iskejjel jiffokaw fuq it-tiġh tal-inklużjoni soċjali u l-mobbiltà tat-tfal bi bżonnijiet speċjali, it-titjib tal-prattiki ta' taġħlim tal-lingwa Ingliża u Griega bl-ġħajnuna tat-teknoloġija, u l-introduzzjoni tal-attivitàjiet ekstrakurrikulari biex jiġiebu l-ħiliet għall-ħajja tal-istudenti tal-iskejjel primarji. Il-proġetti ta' taġħlim tul il-ħajja jgħinu fit-titjib tal-ħiliet imprenditorjali taż-żġħażaġħ u tan-nisa, fit-tiġh tal-prattiki ta' imprenditorija soċjali fil-KĊT, u fl-iżvilupp ta' programmi ta' taġħlim tul il-ħajja sabiex titjeb l-impjegabbiltà taż-żġħażaġħ u tal-persuni b'diżabbiltà. Il-proġetti ta' għotja għandhom jiġu ffinalizzati sal-2021.

It-tieni proġett ta' assistenza teknika għall-"Edukazzjoni Vokazzjonali, it-Taħriġ u s-Suq tax-Xoġħol (VETLAM II)", imniedi f'Novembru 2015, wasal fi tmiemu f'Novembru 2018. Il-proġett għen fir-reviżjoni u l-iżvilupp ta' 41 standard okkupazzjonali għall-ħiliet vokazzjonali. Barra minn hekk, dan ikkontribwixxa għall-iżvilupp ta' klassifikazzjoni okkupazzjonali skont l-istandards tal-ILO ISCO-08, strateġija ta' skejjel vokazzjonali, u miżuri tas-suq tax-xoġħol attivi għal tliet gruppi żvantaġġjati magħżula (żġħażaġħ, nisa u persuni b'diżabbiltà). Il-proċeduri ta' valutazzjoni għal taġħlim ibbażat fuq ix-xoġħol u programmi ta' apprendistat kif ukoll grupp ta' assessuri lokali ġew ukoll żviluppati.

B'appoġġ ulterjuri lis-settur tal-edukazzjoni skont il-prijoritajiet tal-Qafas Strateġiku tal-UE – Edukazzjoni u Taħriġ 2020, ġie ffirmat kuntratt qafas. L-assistenza teknika kellha l-ġħan li twettaq valutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali fis-settur tal-edukazzjoni u r-rabta tiegħu mal-ekonomija, tiffaċilita t-tħejjija ta' pjan ta' żvilupp, u tgħin fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li jistgħu jiġu indirizzati b'appoġġ futur tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni. L-appoġġ ġie konkluż f'Diċembru 2018 u r-riżultati tanġibbli tiegħu se jintużaw bħala input għat-tħejjija ta' appoġġ futur lis-settur tal-edukazzjoni.

Filwaqt li jibni fuq ir-riżultati tal-ħidma analitika preċedenti, it-tieni fażi tal-programm ta' monitoraġġ ekonomiku mmexxi mill-Bank Dinji pprova analiżi fil-fond u assistenza teknika addizzjonali f'oqsma importanti. Il-programm iffoka fuq l-analiżi fiskali, il-korpi finanzjarjament sostenibbli tal-amministrazzjoni pubblika, l-effetti ekonomiċi, kummerċjali tar-riunifikazzjoni, l-iżvilupp tas-settur privat u l-inklużjoni soċjali, kif ukoll il-monitoraġġ makroekonomiku. F'konformità mal-prijoritajiet politiċi fil-qafas tal-Programm ta' Ġħajnuna, pakkett addizzjonali ta' EUR 4,8 miljun ġie kkuntrattat fl-2017 għat-tkomplija tal-impenn tal-Bank Dinji sabiex jitkompla x-xoġħol analitiku u x-xoġħol konsultattiv li sar s'issa u biex jitkomplew jingħataw pariri u appoġġ lill-KĊT sa Diċembru 2020. Il-programm kompli l-attivitàjiet tiegħu fl-2018, b'appoġġ immirat għall-iżvilupp tas-settur privat, is-settur agrikolu, l-inklużjoni soċjali u l-korpi tal-komunità lokali.

4.2.3. *Objettiv 3: trawwim tar-rikonċiljazzjoni, miżuri għat-tiġh tal-fiduċja, u appoġġ għas-soċjetà ċivili*

Il-Kumitat dwar il-Persuni Nieqsa (CMP), appoġġat permezz tal-programm ta' assistenza permezz ta' arranġament ta' ġestjoni indiretta mal-UNDP, kompli l-ħidma tiegħu fuq il-post u fil-laboratorju. Sa tmiem l-2018, mill-2 002 persuni mitlufa totali, is-CMP eżuma 1 202 settijiet ta' fdalijiet; 927 minnhom ġew identifikati genetkament u ntbaġħtu lura lill-familji taġħhom.

F'Diċembru 2018, ġie estiż il-ftehim ta' kontribuzzjoni mal-UNDP biex jipprovi finanzjament għall-operazzjonijiet tas-CMP għas-sena 2019, għal ammont ta' EUR 3 miljun. B'mod ġenerali, matul il-perjodu 2006-2019, l-UE kkontribwixxiet b'total ta' EUR 25.5 miljun li jammonta għal 75 % tal-finanzjament totali pprovdut lis-CMP fi 13-il sena.

Bil-mogħdija taż-żmien, huwa dejjem aktar diffiċli biex tinkiseb informazzjoni preċiża biex jiġi stabbilit il-post tas-siti ta' dfin. Din hija sfida ewlenija li għandha tiġi indirizzata issa minn sforzi mġedda fir-riċerka ċivili u l-arkivji militari f'Ċipru u lil hinn minnu, kif ukoll użu aktar b'saħtu ta' għodod tal-IT sabiex jiġu ffaċilitati l-fażijiet ta' investigazzjoni, tħaffir u eżumazzjoni.

Iż-żieda addizzjonali ta' EUR 0.4 miljun għall-finanzjament annwali normali hija ffinanzjata mill-baġit tal-Programm ta' Għajnuna tal-2017 fuq talba speċifika mis-CMP. Din tkopri ż-żieda fil-kostijiet tal-ittestjar tad-DNA u ż-żieda fil-kostijiet ta' kumpens u ta' riparazzjoni tat-toroq u ta' proprjetajiet privati affettwati mit-tħaffir. Barra minn hekk, iż-żieda tiffinanzja wkoll l-istudju tal-fattibbiltà tal-landfill ta' Dikomo/Dikmen.

Fi tmiem l-2017, investigazzjoni ta' sentejn wasslet għal informazzjoni dwar ir-rikkorzi tal-fdalijiet umani minn Askeia lejn is-sit tar-rimi f'Dikomo/Dikmen li allegatament twettqet bejn l-1995 u l-1996. Billi l-UE ma kinitx taf b' din l-informazzjoni, bejn l-2009 u l-2012 hija ffinanzjata proġett biex tirrestawra l-landfill. F'Jannar 2018, il-Kummissjoni qasmet mas-CMP l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u t-tpinġijiet tax-xogħlijiet imwettqa taħt il-proġett tal-UE. Fi Frar 2018, is-CMP talab li jiġi ffinanzjat studju tal-fattibbiltà sabiex tiġi vvalutata l-opportunità biex isir tħaffir fil-landfill bil-miżuri ta' sikurezza xierqa sabiex jitnaqqsu r-riskji sanitarji ta' tħaffir kif ukoll sabiex jiġu smati l-kostijiet ta' tali tħaffir u r-restawr potenzjali sussegwenti tas-sit. Il-Kummissjoni wieġbet b'mod pożittiv għal din it-talba u bħalissa għaddej l-istudju.

Il-Protezzjoni tal-Wirt Kulturali permezz tal-Kumitat Tekniku bikomunali dwar il-Wirt Kulturali (Technical Committee on Cultural Heritage, TCCH) baqgħet komponent ewleni tar-rikonċiljazzjoni u l-azzjonijiet ta' tisħiħ tal-fiduċja taħt il-Programm ta' Għajnuna. B'mod ġenerali, il-programm tal-Wirt Kulturali rċieva EUR 14.7 miljun f'fondi tal-UE li qed jintużaw biex tittejjeb il-protezzjoni ta' 75 sit ta' wirt kulturali madwar il-gżira. Dawn jinkludu 58 proġett ta' xogħol mitmuma, 9 proġetti tad-disinn mitmuma, u 8 proġetti li għadhom għaddejjin. Matul l-2018, il-kisbiet ewlenin kienu t-tlestija tax-xogħlijiet ta' konservazzjoni għall-Minaret ta' Camii-Kebir u l-Hamam f'Paphos, il-moskea ta' Tuzla f'Larnaca u s-sit arkeoloġiku ta' Agia Triada, u l-konservazzjoni ta' Agios Philon tas-sit arkeoloġiku f'Karpasia/Karpaz. F'Famagusta, il-knejjes ta' Santa Marija tal-Armenjani u ta' Santa Marija tal-Karmnu ġew irrinovati, flimkien mar-Rivellin/Bieb tas-Sur u l-knisja ta' Sant Anna. Qed jittieħdu passi biex jiġu żviluppjati l-ħiliet tal-kertejkers sabiex tiġi żgurata manutenzjoni u tindif adegwati ta' siti restawrati mill-komunitajiet benefiċjarji.

B'rispons għal inizzjattiva taż-żewġ mexxejja Ċiprijotti għal miżuri ġodda ta' tisħiħ tal-fiduċja, fl-2015 il-Kummissjoni aġixxiet malajr biex jiġu riallokati r-riżorsi meħtieġa għall-ftuħ tal-punti tal-qsim ġodda f'Deryneia u Lefka-Apliki. Il-punti tal-qsim fetħu fit-2 ta' Novembru 2018.

Fl-2018, tkompla l-appoġġ għas-soċjetà ċivili. L-ispazju ċiviku, jiġifieri l-assistenza teknika għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC) baqa' jibni l-kapaċitajiet tal-OSC, jippromwovi ambjent li jiffavorixxi l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili, u jstimola netwerking u azzjonijiet konġunti ma' OSC Ċiprijotti Griegi u oħrajn tal-UE. Mill-2015, permezz tal-mekkaniżmu "Grow Civic" tiegħu, l-Ispazju Ċiviku appoġġa 49 inizzjattiva ta' ċittadinanza attiva (li 8 minnhom saru fl-2018) foqasma bħall-paċi u r-rikonċiljazzjoni, iż-żgħażaġh, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-arti, id-drittijiet tal-

bniedem jew l-ambjent. Il-Forum tas-Soċjeta' Ċivili, li jintuża bħala pjattaforma fejn l-OSC jistgħu jesprimu l-aspettattivi u l-prijoritajiet tagħhom, iltaqa' kull tliet xhur. Dan il-Forum aġixxa bħala katalist għall-promozzjoni tal-OSC u ppromwova ċittadinanza attiva.

Matul ix-xhur ta' Settembru-Ottubru 2018, sar għat-tielet darba xahar sħiħ ta' azzjonijiet tal-OSC taħt l-isem ta' "Open Door Festival", bil-għan li tizzied is-sensibilizzazzjoni u l-viżibbiltà tal-attivitajiet tal-OSC, jiġi promoss il-volontarjat fost nies ta' kull età, u jiġi ffaċilitat in-netwerking bejn OSC ibbażati f'Nikosija u dawk ibbażati f'reġjuni oħra. Matul il-Festival, aktar minn 60 assoċjazzjoni, fondazzjoni, pjattaforma, inizjattiva u attivista, fosthom 10 organizzazzjonijiet bikomunali, organizzaw aktar minn 120 attività biex jiltaqgħu mal-pubbliku u jilhqqu OSC oħra. Żjarat ta' skambju bikomunali ġew organizzati bejn OSC ta' Limassol u ta' Famagusta b'interess kbir miż-żewġ naħat.

F'Awwissu 2018, ġiet organizzata żjara ta' studju dwar il-ġlieda kontra t-traffikar fi Brussell u f'Amsterdam bil-parteċipazzjoni ta' membru wieħed minn tmien OSC differenti. Iż-żjara ta' studju kellha l-għan li żżid l-għarfien u l-esperjenza dwar il-ġlieda kontra t-traffikar u tat lill-parteċipanti opportunitajiet ta' networking fil-livell tal-UE.

It-18-il kuntratt pendenti mogħtija taħt l-iskemi ta' għotjiet "Soċjeta' Ċivili fl-Azzjoni IV u V" tlestew fl-2018, filwaqt li 8 kuntratti ġodda ġew iffirmati taħt is-"Soċjeta' Ċivili fl-Azzjoni VI". Dawn qed jiffinanzjaw firxa ta' azzjonijiet fl-oqsma tal-ambjent, id-drittijiet tal-bniedem, l-arti u l-isport biex isaħħu l-kapaċitajiet tal-OSC kif ukoll biex jinkoraġġixxu l-involviment taċ-ċittadini u l-iskambji bejn komunitajiet differenti.

F'Ġunju 2018 tnediet sejħa ġdida għal proposti "Flimkien Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin" bil-għan li tinkoraġġixxi rispons effettiv u kkoordinat għall-forom kollha ta' traffikar tal-bnedmin, tipprevjeni t-traffikar tal-bnedmin u ttejjeb l-aċċess tal-vittmi għad-drittijiet.

4.2.4. *Objettiv 4: Il-KĊT titqarreb lejn l-UE*

Mis-snin akkademiċi 2014-15, il-ġestjoni ta' "programm ta' boroż ta' studju tal-UE" kienet f'idejn il-British Council. Il-baġit disponibbli taħt is-sejħa tal-2018/19 ippermetta l-finanzjament ta' 171 borża ta' studju għas-sena akkademika 2018/2019. Dawn il-boroż ta' studju appoġġaw l-istudenti matul l-ewwel sena ta' studji f'livell universitarju tal-ewwel grad, l-istudenti gradwati fil-programmi ta' masters jew ta' dottorat tagħhom, u r-riċerkaturi u l-professjonisti biex ikunu jistgħu jiżviluppaw aktar il-ħiliet tagħhom fil-lingwi u dawk okkupazzjonali madwar l-Istati Membri tal-UE permezz ta' korsijiet tal-lingwi jew programmi ta' internship. Mill-2007, il-Programm ta' Boroż ta' Studju żgħira l-aċċess għall-boroż ta' studju għal aktar minn 1 400 student u professjonist Ċiprijott Tork.

Il-kontinwità ta' din l-iskema hija kkunsidrata bħala essenzjali u se jsiru aktar sforzi fuq il-miri tal-ħtiġijiet u l-lakuni fil-KĊT. Bħala parti mill-attivitajiet tal-ġestjoni tal-Programm ta' Boroż ta' Studju, il-British Council jorganizza kull sena jum "Study in Europe", biex jipprovdi informazzjoni lill-istudenti dwar il-possibilitajiet ta' studju fl-UE. In-netwerk tal-alumni online qed jiġi żviluppat f'dawn l-aħħar snin sabiex jissaħħu l-kuntatti u r-relazzjonijiet professjonali bejn l-alumni tal-Boroż ta' Studju. Il-British Council qiegħed jissorvelja b'mod kontinwu l-impatt fuq medda medja ta' żmien, pereżempju r-rata ta' ritorn ta' studenti lejn Ċipru u s-suċċess biex isibu

impjieġ.

Id-domanda għolja għal informazzjoni dwar l-UE fil-KTĊ kompliet fl-2018. L-Infopoint tal-UE, li huwa ġestit flimkien mar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Ċipru, beda jiffunzjona fil-bidu tal-2015 u huwa ffinanzjat b'baġit totali ta' EUR 3 miljun għal perjodu ta' 60 xahar (b'estensjoni tal-kuntratt). Dan wassal għal livell għoli ta' viżibbiltà għall-UE, il-politiki tagħha u l-Programm ta' Għajjnuna. Sa issa, l-Infopoint tal-UE kopra aktar minn 25 tema relatata mal-UE, inkluż l-ambjent (l-ilma, l-enerġija, ir-riċiklaġġ, il-bijodiversità), l-agrikoltura organika, is-saħħa u s-sikurezza fil-post tax-xogħol, is-sikurezza alimentari, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-annimali. Huwa kopra wkoll temi bħad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà, id-drittijiet tat-tfal, l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tal-LGBT, u d-drittijiet tal-konsumatur.

Fl-2018, l-Infopoint tal-UE organizza 50 avveniment (34 f'Nikosija u 16 barra Nikosija), inkluż Jum l-Ewropa, il-Ġimgħa Ewropea kontra r-Razziżmu, il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ u l-Jum Internazzjonali taż-Żgħażaġħ, Lejla Ewropea tar-Riċerkaturi, Jum tal-UE Kontra t-Traffikar, il-Ġimgħa tal-Mobilità u s-Sigurtà tat-Traffiku, u l-Ġimgħa Ewropea tal-SMEs. Dawn l-avvenimenti ġibdu aktar minn 5 144 parteċipant, turija ta' interess akbar fost il-komunità (4 849 parteċipant fl-avvenimenti tal-2017 u 4 382 parteċipant fl-avvenimenti tal-2016). L-għadd ta' avvenimenti fl-iskejjel żdied sabiex tiġi żgurata komunikazzjoni usa'.

Matul l-2018, tqassmu 5 151 prodott ta' informazzjoni u 12-il fuljett (b'kollox mill-ftuħ tal-Infopoint, 18 835 u 42 rispettivament). Barra minn hekk, matul l-2018 saru 493 artiklu tal-aħbarijiet u deħru 45 riklam televiżiv fuq il-midja lokali (1 759 u 160, rispettivament, mill-bidu tal-proġett). It-traffiku fuq il-paġna ta' Facebook "Abbilgi" ikkonferma l-popolarità tal-attivitajiet (2 982 "like" ġdida fl-2018 u minn mindu fetħet l-għadd totali ta' "likes" żdied għal 13 998). Sa tmiem l-2018, il-paġna ta' Facebook laħqet 291 829 messaġġ.

L-Infopoint tal-UE appoġġa wkoll il-promozzjoni tas-Sejħiet għal Proposti kollha u proġetti oħrajn ta' Programmi ta' Għajjnuna u avvenimenti permezz ta' messaġġi fuq Facebook / noti ta' tfakkir, kartelluni fil-ħwienet, l-ospitar ta' avvenimenti u tnedija ta' proġetti ġodda fl-ispazji pubbliċi tiegħu. Dan stabbilixxa sħubiji strateġiċi ma' proġetti oħra ffinanzjati mill-UE u proġetti ta' assistenza teknika kif ukoll ma' dipartimenti rilevanti u OSC.

4.2.5. *Objettivi 5-6: It-tnejn biex il-komunità Ċiprijotta Torka tkun tista' ddaħħal u timplimenta l-acquis*

L-istrument ta' Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX - Technical Assistance and Information Exchange) tal-Kummissjoni jintuża' biex jiġu implimentati l-objettivi 5 u 6 tar-Regolament dwar l-Għajjnuna u b'hekk jgħin biex il-KĊT titħejja għall-implimentazzjoni tal-acquis bil-ħsieb tal-irtirar tas-sospensjoni tiegħu mad-dħul fis-seħħ ta' qbil komprensiv għall-problema ta' Ċipru.

L-assistenza tkomplet fl-2018 fi 17-il qasam ewlieni, jew "setturi", tal-acquis. B'kollox, l-għadd ta' avvenimenti organizzati fl-2018 kien ta' 207. L-azzjonijiet tat-TAIEX inkludew fost l-oħrajn missjonijiet ta' esperti, workshops u żjarat ta' studju. Il-partijiet ikkonċernati tal-KĊT urew sensibilizzazzjoni oġhla b'mod sinifikanti tar-rekwiżiti tal-acquis fil-maġġoranza tas-setturi tat-TAIEX attivi.

L-appoġġ għall-kummerċ min-naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra (ir-Regolament 866/2004) kompli. L-esperti indipendenti fl-2018 kienu involuti fit-tweitiq ta'

spezzjonijiet fitosanitarji regolari tal-patata u l-prodotti taċ-ċitru, billi jieħdu kampjuni tal-għasel għall-analiżi u jipproduċu lista aġġornata ta' bastimenti li jistgħu jikkummerċjalizzaw il-qabda tagħhom fuq in-naħa l-oħra tal-Linja l-Ħadra.

4.3. Eżekuzzjoni finanzjarja (kuntratti u pagamenti)

4.3.1. Għoti ta' kuntratti

Fl-2018, il-Kummissjoni ffirmat impenji legali li jammontaw għal EUR 56.2 miljuni, li jfisser li l-ammont sostanzjali ta' fondi akkumulati li jibqgħu mhux impenjati taħt il-Programm ta' Għajnuna ġie kkontrollat.

4.3.2. Pagamenti

Il-pagamenti fl-2018 kienu jammontaw għal EUR 26,3 miljun (EUR 17,2 miljun fl-2017).

4.4. Monitoraġġ

Il-Kummissjoni għandha responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-proġetti (ġestjoni diretta). Il-livell ta' monitoraġġ mill-persunal tal-Kummissjoni huwa għoli ħafna, b'kuntratti regolari ma' kuntratturi, żjarat fil-post, u kif ukoll laqgħat fil-post u kumitati ta' tmexxija ta' laqgħat. Il-PMU/GST komplew jappoġġaw lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' kuntratti ta' għotjiet/proġetti mogħtija lil komunitajiet lokali għall-iżvilupp tagħhom, l-SMEs u l-intrapriżi rurali, l-OSĊ, lil skejjel u organizzazzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, filwaqt li jappoġġaw ukoll lill-benefiċjarji tal-għotjiet fl-applikazzjoni tar-regoli tal-UE għall-implimentazzjoni ta' kuntratti ta' għotjiet, inkluż għal akkwist sekondarju.

Barra minn dan, il-Kummissjoni timplimenta għadd ta' kuntratti taħt ġestjoni indiretta. L-entitajiet ta' implimentazzjoni bħall-UNDP, il-BERŻ, il-British Council, u n-Northern Ireland Co-operation Overseas (NI-CO) huma vvalutati skont il-pilastri u jirrapurtaw lill-Kummissjoni skont il-Ftehimiet Qafas rispettivi. Il-Kummissjoni hija involuta mill-qrib fil-monitoraġġ ta' kuljum ta' dawn l-azzjonijiet.

Għat-TAIEX, il-monitoraġġ regolari jinkludi laqgħat tal-Grupp tat-Tmexxija tal-Proġett biex jagħti rendikont, jevalwa l-progress u jkompli l-ippjanar. Il-loġistika tat-TAIEX hija monitorjata permezz tas-Sistema online għall-Ġestjoni tat-TAIEX.

4.5. Awditjar u kontrolli

Fl-2017, is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS - Internal Audit Service) wettaq awditu dwar il-ġestjoni finanzjarja tas-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali (SRSS - Structural Reform Support Service), inkluża l-ġestjoni finanzjarja tal-Programm ta' Għajnuna. L-objettiv tal-verifika inkluda, fost l-oħrajn, l-adegwatezza tad-disinn u l-implimentazzjoni effettiva tas-sistema ta' kontroll intern għal ġestjoni finanzjarja (legalità u regolarità finanzjarja u l-effiċjenza tal-fluss tax-xogħol). L-IAS identifika xi dgħufijiet tal-ambjent ta' kontroll intern stabbiliti fil-proċeduri ta' akkwist, li qed jiġu indirizzati permezz tal-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tal-IAS.

Dawn li ġejjin ġew implimentati bħala miżuri korrettivi: (i) qabel it-tnedija ta' proċedura ta' akkwist taħt il-Programm ta' Għajnuna, twettqet analiżi tal-ħtiġijiet fuq il-bażi ta' mudell ġdid imfassal għal dan l-għan u l-għażla ta' proċedura ta' akkwist saret fuq din il-bażi; (ii) b'mod parallel, ġew żviluppati tabelli ta' segwitu xierqa biex jimmonitorjaw l-ammonti ta' akkwisti, mit-tnedija tal-proċedura ta' akkwist sakemm

jiġi ffirmat il-kuntratt; u (iii) nħarġu wkoll noti ta' gwida biex jiċċaraw ir-regoli prevalenti.

4.6. Evalwazzjoni

Se jkun meħtieġ titjib sinifikanti fl-istatistika tal-KĊT biex jakkumpanja l-implimentazzjoni futura tal-acquis.

F'Novembru 2018, l-SRSS ikkonkluda kuntratt għall-implimentazzjoni tal-ewwel eżerċizzju ta' Monitoraġġ Orjentat lejn ir-Riżultati (MOR) li għandu l-għan li jirrevedi minimu ta' 16-il azzjoni f'termini ta' rilevanza, effiċjenza, effettività u sostenibbiltà. Dan se jassisti lill-SRSS fir-rigward tal-monitoraġġ ta' proġetti ffinanzjati mill-UE u tar-rapportar dwarhom taħt il-Programm ta' Għajnuna. Ir-reviżjonijiet tal-MOR se jiffokaw fuq il-kuntratti ta' servizzi u l-iskemi ta' għotjiet u se jkopru kemm il-kuntratti li għaddejjin bħalissa kif ukoll dawk li nġhalqu reċentement. L-implimentazzjoni tal-kuntratt ta' MOR se tkompli għal perjodu ta' sentejn.

4.7. Informazzjoni, Pubbliċità u Viżibiltà

B'mod ġenerali, kien hemm 330 azzjonijiet ta' viżibiltà u ta' komunikazzjoni fl-2018, li għadd kbir minnhom kienu organizzati f'kooperazzjoni mar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Ċipru. Uħud mill-punti ewlenin fl-2018 kienu: preżentazzjonijiet dwar "l-Istat tal-Unjoni u l-prijoritajiet tal-2018", Open Door Festival, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-ħidma tal-OSĊ f'diversi bliet, sessjonijiet ta' ħidma dwar is-Sikurezza Alimentari dwar kif l-appoġġ tal-UE jsaħħa is-sikurezza alimentari, u żjarat għad-WWTP iffinanzjat mill-UE f'Morphou/Güzelyurt mill-istudenti tal-iskejjel sekondarji. Jum l-Ewropa ġie ċelebrat b'avveniment wieħed fil-miftuħ fuq skala kbira f'Nikosija u żewġ kunċerti tal-mużika klassika mill-orkestra bikomunali f'Lefka/Lefke u Templos/Zeytinlik, b'aktar minn 500 parteċipant.

Ħafna avvenimenti pubbliċi dwar il-Boroż ta' Studju tal-UE għall-KĊT, inkluż avveniment ta' networking ta' studenti u alumni f'Nikosija, żguraw komunikazzjoni estensiva. Saru ċerimonji ta' tlestija ta' diversi proġetti ta' Wirt Kulturali, inklużi l-Knejjes ta' Santa Marija tal-Armenjani u ta' Santa Marija tal-Karmnu u r-Rivellin jew Bieb tas-Sur. L-avveniment f'Koutsoventis/Güngör li ħabbar il-bidu tat-tħaddim tal-faċilità ta' ħżin tal-iskart solidu (fażi 2) li għadha kif tlestiet, żgura l-komunikazzjoni estensiva dwar l-appoġġ tal-UE fil-KĊT fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart solidu. L-appoġġ tal-UE fil-qasam tas-Sigurtà tat-Traffiku u s-Saħħa u s-Sikurezza fil-Post tax-Xogħol ġie kkomunikat ukoll waqt diversi sessjonijiet ta' taħriġ fl-iskejjel.

Ġew ippubblikati żewġ pubblikazzjonijiet ewlenin, jiġifieri "2008/2018: 10 snin ta' Ħidma Flimkien għall-Wirt Komuni Tagħna - Il-Kumitat Tekniku dwar il-Wirt Kulturali f'Ċipru", u l-"Programm ta' Għajnuna għall-Istejjer Magħżula tal-komunità Ċiprijotta Torca".

4.8. Konsultazzjonijiet mal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru

Saru laqgħat mar-rappreżentanti tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, b'mod partikolari meta uffiċjali għolja tal-Kummissjoni żaru l-gżira. Il-Kummissjoni tkompli tiddependi fuq il-kooperazzjoni tal-Gvern għal verifika ta' drittijiet tal-proprietà, u tiltaqa' ukoll regolarment mar-Rappreżentanza Permanenti fi Brussell.

5. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni tkompli tipprovdi assistenza skont ir-Regolamentazzjoni dwar l-Għajnuna biex tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni ta' Ċipru bl-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-KĊT, permezz ta' ħidma fis-sitt objettivi tagħha. Matul l-2018, l-assistenza kompliet tiffoka fuq oqsma li jippreżentaw problemi partikolari f'konformità futura mal-acquis.

Minħabba r-restrizzjonijiet ta' kapaċità, riżorsi umani u finanzjarji limitati u n-nuqqasijiet fit-tlestija għall-introduzzjoni futura tal-acquis, is-sostenibbiltà tal-proġetti trid tiġi kkunsidrata bir-reqqa. Ir-rekord tal-assistenza fil-passat u l-maturità tal-proġetti se jkunu riflessi b'mod kontinwu fl-eżerċizzji ta' programmar tal-futur. L-isforzi se jkomplu jiffokaw fuq li jkollhom aktar impatt fl-oqsma prijoritarji permezz ta' anqas azzjonijiet iżda li jkunu akbar.

Il-Kummissjoni tinsab lesta li tiskjera r-riżorsi, inkluż taħt il-Programm ta' Għajnuna, biex tappoġġa negozjati għal soluzzjoni taħt l-awspiċji tan-NU kif meħtieġ.